# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Frar 2001

Citazzjoni numru 1851/98 AJM

Kawza numru

Vanguard Billiard Tables Ltd.

Vs

Il-Giardino Catering Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta' Settembru 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li permezz ta' ftehim iffirmat fis-16 ta' Mejju 1990 is-socjeta' konvenuta ddikjarat ruhha debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt mitt lira (LM600) u inoltre inghatat self ulterjuri ta' elf u hames mitt lira (LM1,500); illi sussegwetement is-socjeta' konvenuta inghatat b'self ulterjuri is-somma ta' erbgha mija u erbghin lira (LM440) bi ftehim li r-rifuzjoni taghha ssir ukoll ai termini ta' l-istess ftehim; illi skond il-ftehim l-imsemmija somom u l-interessi kellhom jigu mhallsa lura minnufih kemm-il darba l-ftehim jigi terminat; illi b'ittra datata 15 ta' Gunju 1998 l-imsemmi ftehim gie terminat u ftit granet wara l-magni imsemmija fil-ftehim ittiehdu lura; illi minkejja dan is-socjeta'

konvenuta naqset li tirrifondi lis-socjeta' attrici il-bilanc dovut ammontanti ghall-elf erbgha mija sitta u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezimu (LM1,466.25) komprisi l-interessi kalkolati sat-30 ta' Gunju 1998; illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut; ghalhekk talbet li din il-Qorti:-

1. tiddecidi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-soscjeta' attrici s-somma ta' LM1466.25 dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datat 15 ta' Gunju 1998 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 3183/98 u bl-imghax kummercjali mill-1 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-3 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi fit-twissja fic-citazzjoni fil-formula preskritta hemm indikat li l-konvenut ghandu ghoxrin jum biex jippresenta in-nota ta' eccezzjonijiet, il-konvenut hekk qed jaghmel – il-procedura tal-giljottina ghalhekk mhijiex operanti f'dan il-kaz.
2. Illi d-debitu reklamat mhuwiex cert, likwidu u dovut kif trid il-ligi, fil-fatt qabel xejn irid jigi pruvat li l-konvenuti kisru klawsola 11 tal-Kuntratt tas-16 ta' Mejju 1990 u dan kif allegat fl-ittra annessa mac-citazzjoni.
3. Illi l-attur ma setghax juza l-procedura ta' giljottina u sabiex jitlob il-hlas minnu pretiz irid qabel xejn jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li

l-konvenut kiser klawsola 11 tal-ftehim fuq indikat. La dan il-konvenut ma ghamlux il-kawza u it-talbiet ma jistghux iregu u ghandhom jigu michuda.

4. Illi d-ditta konvenuta ghamlet diversi pagamenti u l-ammont pretiz mill-konvenut huwa ezagerat.

5. Illi l-kuntratt fi fuqu hija bazata il-kawza odjerna huwa kuntratt li l-kawza tieghu hija illecita u illegali – ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux iregu.

6. Illi l-ammont pretiz fil-kuntratt kellu jitnaqqas mit-takings mill-kaxxi tal-loghob jekk dan ma garax, dan kien biss peress illi l-kaxxi in kwistjoni ma setghux skond il-ligi jinzammu fil-fond tal-konvenut.

7. Illi l-ftehim indikat mill-attur huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta' hames snin.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tad-29 ta' Jannar 1999 meta l-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Gunju 1999 meta l-konvenut iddikjara li qed jirtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Eccezzjoni numru 7).

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-1986 meta s-socjeta' konvenuta kienet akkwistat l-istabiliment illum maghruf bhala "Il-Giardino" kellha l-htiega li taghmel xi spejjes in konnessjoni mal-mutur tas-"swiming pool" li kien hemm fl-istabiliment. Dan l-ammont kien gie misluf lilha mis-socjeta' attrici.

Is-socjeta attrici ghandha negozju li jikkonsisti fin-nolegg ta' "amusement machines", "billiard tables" u magni ohra tal-loghob. Fid-data fuq imsemmija s-socjeta' attrici gja kellha, fl-istabiliment imsemmi, xi "equipment" taghha u ghalhekk avvicinat lill-konvenut biex din tassigura li tibqa tissuplixxi l-magni taghha f'dan il-post stante li kellha interess pekunjarju fil-kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet li kienu bdew mas-sid precedenti. Kien ghalhekk li s-socjeta' attrici uriet interess u anke assistit lill-konvenut fil-problemi finanzjarji tieghu.

Fl-1986 kienet giet iffirmata skrittura privata dwar is-self ta'LM600 li kien sar lill-konvenut fejn jinghad li dan l-ammont kellu jithallas fi zmien sitt xhur mil-istess skrittura li kienet iggib id-data tat-8 ta' Lulju 1986. Effettivament skond "statement" (Dok DS1 fol 41 tal-process) ezebit mill-attur jirrizulta li dan l-ammont mhux biss ma thallas fit-terminu imsemmi izda talli fil-31 ta' Awissu 1989 l-ammont kien tela ghal LM840. Sussegwentement fis-16 ta' Mejju 1990 kien sar mutwu iehor fl-ammont ta' LM1,500 (Dok A fol 5 Schedule II) li kellu jigi somministrat lill-konvenut kif indikat fl-istess skrittura. F'dan id-dokument, li kien jifforma parti integrali minn skrittura ohra bejn il-partijiet dwar eskluzivita' ta' uzu fl-istabiliment tal-konvenut ta' "coin/token operated equipment" appartenenti lis-socjeta' attrici, gie miftiehem bejn il-kontraenti li l-ammont misluf kellu jintradd lura "from the takings at the rate of 70% of his share of the takings until such sum is repaid in full."

Bl-iskrittura tas-16 ta' Mejju 1990, li maghha kien gie anness is-Schedule II fuq imsemmi, s-socjeta' konvenuta kienet iddikjarat li hija "appoints the Company (is-socjeta' attrici) as being the exclusive supplier of all types and models of coin and token operated equipment in the premises" u dana ghall-perjodu ta' hames snin, prorogabbli sena b'sena a scelta tal-kontraenti. Il-partijiet ukoll ftehmu li it-"takings" u cioe l-ammont ta' flus rizultanti f'dan l-apparat mill-uzu tal-pubbliku, kellhom jinqasmu nofs b'nofs bejniethom b'dana li, fl-eventwalita' li sehem is-socjeta' attrici jkun anqas minn LM200 fix-xahar fuq firxa ta' tlett xhur, l-istess socjeta' kellha d-dritt li tittermina l-ftehim (klawsola numru 11) u titlob il-hlas immedjat ta' kull ammont bilancjali moghti b'self lill-konvenut.

F'certu zmien, jghid il-konvenut, uhud mill-"coin/token operated equipment" provdut mis-socjeta' attrici fl-istabiliment tieghu kellu jitnehha billi dan seta' ma kienx konformi mar-regolamenti. Ghalhekk gara li bl-apparat li kien ghadu fil-pussess tal-konvenut ma kienx hemm bizzejjed introitu ghas-socjeta' attrici li allura invokat il-klawsola 11 u itterminat l-ftehim u dana b'ittra tal-15 ta' Gunju 1998. Fl-istess okkazzjoni s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma bilancjali dovuta ammontanti ghal LM1,409.86 oltre l-imghax dovut mill-1 ta' Ottubru 1997.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok ghandha tigi kkunsidrata r-raba eccezzjoni tal-konvenut fejn qed jinghad li huwa ghamel diversi pagamenti u "l-ammont pretiz mill-konvenut huwa ezagerat." Dwar din l-asserzjoni l-konvenut ma ressaq ebda prova, huwa jghid biss li l-hlas kien isir mit-"takings" u

l-attur gieli ha somom kbar bhal ma huma LM75 u anke LM100. Ghal kuntrarju l-attur pprezenta "statements" dettaljati li juru l-ammonti mislufa, il-pagamenti li saru u l-imghax addebitat lill-konvenut. Minn dawn ir-rendikonti jidher li, kif sewwa qal l-konvenut, is-socjeta' attrici kkreditat lill-konvenut b'ammonti in eccess ghal LM100 f'diversi okkazzjonijiet. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax taccetta dak li qed jigi allegat mill-konvenut u hija tal-fehma li l-ammont indikat fic-citazzjoni jirrispekkja d-debitu ezistenti sal-ahhar ta' Gunju 1998.

Ikkunsidrat:-

Il-konvenut qed jressaq zewg eccezzjonijiet ohra ghat-talba attrici u cioe:-

a) Kawza illecita.
b) L-intempestivita'.

**Kawza illecita.**

Qed jinghad li l-kuntratt li fuqu hija bazata il-kawza odjerna huwa kuntratt li l-kawza tieghu hija illecita u illegali – ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux iregu.

Gie sottomess mill-konvenut li l-kuntratt principali ta' bejn il-kontendenti kien jikkoncerna l-provista esklusiva ta' magni tal-loghob u li ghalhekk gialadarba dawn ma kienux permessi mil-ligi li jkunu fl-istabiliment tal-konvenut, allura l-obbligu li jintradd lura is-self ma jissusitix.

Din is-sottomissjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti ma tistax tigi accettat u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

a) Fl-ewwel lok fil-process ma ingiebet ebda prova li xi apparat suplit mis-socjeta' attrici kien mhux skond ir-regolamenti. Huwa minnu li l-Ispettur Micallef Grimaud spjega x'inhu permess u x'mhwiex permess. Pero' dan qalu in linea generali inoltre dan ix-xhud spjega li jispetta lill-licenee tal-istabiliment, u cioe il-konvenut, li japplika ghall-licenzja u jindika x'apparat ser jitpogga fl-istabiliment tieghu. Kien ghalhekk obbligu tal-konvenut li, qabel ma jintrabat u jidhol ghall-obbligi naxxenti mill-iskrittura ta' eskluzivita', jiehu dawk il-passi kollha mehtiega sabiex jara li huwa in regola. Li Spettur ma qal xejn dwar il-kaz in ezami izda indika biss li xi apparat supplit mis-socjeta' attrici huwa permess skond ir-regolamenti.

b) Illi, anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jinghad li xi apparat kien mhux konformi mar-regolamenti, ghalkemm dan ma jirrizultax, il-ftehim ta' bejn il-kontendenti ma jispecifikax kemm u x'tip ta' "amusement machines" kellhom jigu suppliti. Ghalhekk jekk, wara li tnehha xi apparat, l-introitu ma kienx dak kontemplat fil-ftehim, is-socjeta' attrici kellha kull dritt tinvoka l-klawsola 11 u titlob ir-radd lura tas-self.

c) Huwa minnu li hemm rabta bejn l-"exclusivity agreement" imsemmi u r-radd lura tal-ammont misluf. Izda wiehed ma jistax jghid li l-konsiderazzjoni tas-self kienet l-obbligazzjoni li l-konvenut jappunta lis-socjeta' attrici bhala l-unika "supplier" tal-"amusement machines". Anzi jidher il-kuntrarju. Infatti s-self inghata, kif jghid l-istess konvenut, ghall-ragunijiet ferm differenti mill-obbligazzjoni ta' eskluzivita' assunta mill-konvenut. L-ewwel somma inghatat biex huwa jkun jista' jsewwi l-mutur tas-swimming pool, u s-sommom sussegwenti inghataw sabiex dan jirranga l-istabiliment tieghu. Ghalhekk din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-ftehim ta' eskluzivita' sar biss u principalment

biex l-kreditur, u cioe is-socjeta’ attrici, tiggarantixxi l-hlas lura ta’ flus minnha mislufa u mhux vice versa.

**Intempestivita’**

Qed jigi eccepit illi l-ammont pretiz fil-kuntratt kellu jitnaqqas mit-“takings” tal-kaxxi tal-loghob – jekk dan ma garax,” jghid il-konvenut, “dan kien biss peress illi l-kaxxi in kwistjoni ma setghux skond il-ligi jinzammu fil-fond tal-konvenuti. Din l-eccezzjoni tammonta ghall-eccezzjoni ta’ intempestivita’ inkwantu qed jinghad li l-ammont mhux dovut jekk mhux mill-introitu tal-kaxxi tal-loghob, u jekk dawn illum ma jinstabux fl-istabiliment tal-konvenut, l-ammont ma ghandux jihallas.

Mill-kuntratt ta’ bejn il-kontendenti ezebit bhala Dok A mill-attur, jidher li l-partijiet ftehmu li l-“loan” kellha tithallas lura “from the takings” u dana bir-rata ta’ 70% mill-ammont percepit mill-konvenut. Kieku l-ftehim jieqaf hawn il-konvenut kien jkollu raguni f’din l-eccezzjoni. Izda l-istess ftehim jikkontempla il-hlas lura ta’ kull bilanc immedjatament “If the Other party (cioe il-konvenut) is responsible for breach of contract,” fliema kaz “all the sums under this agreement and schedule, become certain, liquidated and due to the Company.”

Issa jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kienet “in breach” tal-kondizzjonijiet stipulati bejn il-partijiet inkwantu s-socjeta’ attrici ma kienetx qed tircevi daqs LM200 fix-xahar mit-“takings”. Kien ghalhekk li s-socjeta’ attrici uzufruwit mid-dritt taghha skond il-kuntratt u itterminat l-ftehim.

Il-konvenut xhed li kien hemm zmien meta parti mill-"equipment" kien ittiehed mis-socjeta' attrici u kien ghalhekk li l-ammont miftiehem ma kienx jintlahaq. Dan pero' huwa irrilevanti billi, kif gja inghad fuq, l-iskrittura ma kienitx tikkontempla ebda ammont ta' apparat li kellu jigi supplit u dan kien a xelta tas-socjeta' attrici. Ghalhekk s-socjeta' attrici dejjem kellha d-dritt li tittermina l-ftehim a termini tal-klawsola 11.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u seba' eccezzjonijiet billi dawn gew irtirati u tat-tieni u tielet eccezzjonijiet billi dawn huma sorvolati, tichad ir-raba, il-hames u sitt eccezzjonijiet billi nfondati u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija sitta u sittin lira maltin hamsa u ghoxrin centezimu (LM1,466.25) bl-imghax kummercjali mill-1 ta' Lulju 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef Albert J. Magri